# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 8/2019

10 ta' Ġunju, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

8.1 Qarti tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

8 .2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 7.2.9 (walking bus) għandha tiġi quddiem il-muzew tas-subien l-antik mhux quddiem is-sorijiet.

8.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.13 (restawr ta' Assi Artistiċi u Kulturali) t-tielet strofa għandha tiġi jissuġerixxi minflok jesiġi.

8.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 7.2.12 (Triq il-Kuċċard) jekk konniex iltqajna mal-perit ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku kkonferma illi kien bagħat darbtejn pero' ma kienx għad għandu data meta ser jiltaqgħu. Is-Sindku qal lil Viċi Sindku s-Sur Francis Callus illi meta jkun ser isir il-meeting għandu jgħarrfu sabiex jekk ikun jista' jattendi flimkien miegħu.

8.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal ill ref punt 7.4.2 (triq San Pawl) hemm parti fejn niżlet it-triq. Is-Sindku qal li kien kellem li wieħed mill-ħaddiema sabiex naraw x'jista' jsir. Il-Kunsill qabel illi qabel isir il-patching tagħha għandha tinqata' bis-sega sabiex ma terġax tinqala'u qabel ukoll li għandna naraw ħofor/fejn niżlet l-art simili sabiex l-ideal isiru kollha f'daqqa.

8.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 7.4.4 (fl-area ta' Gawhar) fejn inżergħu s-siġar għandu jitnaddaf waħda sew għaliex diġa tela' ħafna ħaxix. Is-Sindku kkonferma illi l-ħaddiema għandhom jagħmlu l-konki tas-siġar hekk kif ilestu l-qtugħ tal-ħaxix mill-isqaq.

8.2.6 Is-Sindku staqsa jekk kellniex xi risposta fuq l-iskema tal-irrigazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ġabet kwotazzjoni fuq is-sistema tal-irrigazzjoni sabiex tkun tista' ddaħħal l-applikazzjoni li ġiet estiża għall-9 ta' Lulju 2019.

8.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 7.4.6 (linji sofor) għandha tiġi qabel il-Ġnien ta' Ball.

8.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal illi ref punt 7.8 (Approvazzjoni pagament Triq San Tumas) għandha tiġi kuntrattur u mhux kuntrattura.

8.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandu jitniżżel punt ieħor li qabel ħarġu mil-laqgħa il-Kunsillier awguraw lil xulxin għall-elezzjoni li ġejja.

8.2.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet mexxiet l-pagament għal Triq San Tumas li kien għaddha għal Ministeru tal-Finanzi.

8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku qal illi xtaq jagħti update fuq l-area tal-Ħlantun. Is-Sindku qal illi l-problema tal-pajpijiet kienet issolviet pero' kien għad baqa' l-problema tal-chlorine.

8.3.2 Is-Sindku qal illi hekk kif konna ddiskutejna f'laqgħa preċidenti, l-appoġġ tal-Kunsill li jagħti għall-iskola kien jinħtieġ li nduruh għaliex il-ħajt għandu ħafna xquq. Huwa qal illi kellu stima antika bl-ammont ta' €700 u li l-Kunsill għandu jiġbor xi kwotazzjonijiet oħra sabiex isir ix-xoghol idealment dan is-sajf. Il-Kunsill qabel.

8.3.3 Is-Sindku qal illi l-arja kondizzjonata fl-uffiċċju tiegħu kellu bżonn jinbidel għaliex ma kienx għadu jkessaħ. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara arja kondizzjonata ġdid.

8.3.4 Is-Sindku qal illi bħal kull sena l-Kunsill kien ser jorganizza l-ħarġa għal dawra ma Malta u waqfa Kemmuna.

8.3.5 Is-Sindku qal illi għal ġurnata tal-ħatra tal-Kunsilliera ssuġerixxa li l-Kunsill jorganizza trasport. Il-Kunsill qabel.

8.3.6 Is-Sindku qal li kien irċieva suġġeriment illi fl-area ta' Gawhar int u ħiereġ mill-isqaq nagħmlu mera fejn is-siġar. Il-Kunsill qabel illi għandha ssir mera mhux kbira ħafna minħabba r-riħ.

8.3.7 Is-Sindku qal illi kellu talba mill-Għaqda għal Siġar Maltin sabiex jużaw is-sala tal-Kunsill darbtejn. Il-Kunsill qabel.

8.3.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva konferma għal żewġ proġetti, wieħed għal Ġermanja u ieħor għal Portugal. Is-Sindku qal illi l-proġett għal Portugal inzerta li ħadd mill-kunsilliera ma seta' jattendi għaliex kien bejn 17-20 ta' Ġunju u kulħadd kellu jattendi għal-Ġurament tal-Ħatra, u għalhekk kien stieden żewġ persuni minn Ħal Safi sabiex jattendu. Is-Sindku qal li jekk ħadd mill-Kunsilliera ma kien imħajjar jattendi għal proġett tal-Ġermanu, huwa kien lest li jattendi flimkien mal-mara. Il-Kunsill qabel.

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi t-tabella li hemm fi Triq Ħal Far li tagħti għal Ta Gawhar trid tinbidel.

8.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi hemm bżonn ta' Bin ħdejn l-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa' kienet għamlet it-talba għal ibins.

8.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi konna rċivejna e-mail rigward Clean Up li ser issir f'Settembru.

8.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet saret talba sabiex nġibu l-Blood Donation Unit.

8.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġġerrixiet illi nerġgħu nibagħtu lil Kumpaniji Go, Melita u Vodafone sabiex jitneħħew il-wires li hemm żejda fil-pjazza.

8.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward it-talba tal-arblu tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kellha ssisr l-STL.

8.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla għamlet talba sabiex jitnaddaf l-isqaq.

8.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Karwija nistgħux niżirgħu xi ħaġa evergreen u li ma jkollix bżonn ħafna ilma fis-Sajf.

8.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi lejlet l-Imnarja ser torganizza ħarġa għall-Imnarja imbagħad il-quddiem kellha ssir il-ħarġa għal-Għawdex.

8.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala awgura u rringrazzja lil kunsilliera għal ħidma ta' dawn l-aħħar żewġ leġislaturi.

8.4.11 Il-Kunsilliera is-Sur Publio Abdilla qal illi kien hemm inspection box tal-Ġo li kienet qiegħda tħabbat triq San Gorg u oħra fi triq iz-Żurrieq fejn il-Ħajt Ruman.

Il-Kunsilliera s-Sur Carlo Stivala kien skużat mil-laqgħa 6.08pm.

8.5 Approvazzjoni tal-Management Letter

8.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qiegħda tipreżenta r-risposta tal-Management Letter għall approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Management Letter sabiex tintbagħat lil NAO.

8.6 Skema finanzjarja – Żvilupp ta' Librerija Lokali/Reġjonali f'Centri tal-Komunita'

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ħarġet skema qed jagħtu cans li jsiru attivitajiet favur il-libreriji. Attivitajiet li jsiru fil-libreriji forsi għankdom xi ideat. Artigjanat nipruvaw sabiex isiru l-courses mhux bilfors artigjanat anki xi tip ta' krafts.

8.7 Skema ta' Finanzjament għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'

8.7.1 Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema ta' finanzjament u qabel illi għandna naplikaw sabiex jinħoloq xelter żgħir għall-annimali taħt is-siġar fil-Ġnien quddiem il-binja tal-Kunsll. Il-Kunsill qabel illi għandna nibdew b'sitt *kennels,* naplikaw sabiex il-qtates ikunu *neutered,* ikel u reċipjenti addatati sabiex jieklu fihom l-annimali. Il-Kunsill qabel illi għandna nibagħtu għal feeders sabiex niddiskutu magħhom l-għan ta' din l-inizjattiva.

8.8 Sejħa għal Ground Attendant Ġdid

8.8.1 Is-Sindku qal illi kien avviċinaħ il-ground attendant preżenti għaliex ma jixtieqx li jibqa' jieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq tal-grawnd. Il-Kunsill qabel illi għandna noħorġu sejħa fuq id-DOI sabiex min hu nteressat ikun jista' jitfa' l-offerta tiegħu.

8.9 Kuntratt għall-Servizz ta' Perit

Is-Sindku qal illi kien wasal iż-żmien sabiex noħorġu l-kuntratt għall-servizz ta' Perit għaliex il-Perit tal-Kunsill diġa' kien avżana li ma xtaqx jibqa' jtina dan is-servizz. Is-Sindku qal illi fuq qbil unanimu l-perit kien għadu jtina s-servizz tiegħu mill-2016 l'hawn. Is-Sindku qal illi għalkemm il-Kunsill ma jkollnix proġetti kbar ħafna, xorta għandna naħsbu sabiex ikollna il-perit tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.10 Korrispondenza

8.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċiviet telefonata sabiex l-istage li hemm fi Triq iż-Żurrieq direzzjoni lejn il-Belt jiċċaqlaq. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment pero'ma kienx hemm qbil illi l-istage għandu jiċċaqlaq imma qabel llli għandna nikkuntatjaw lil Transport Malta sabiex forsi tinbidel ir-rotta tal-korozzi tal-linja.

8.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

8.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:52pm Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2019 fit-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv